# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 13 ta' Gunju 2001**

**Numru : 28**
**Citaz. numru : 814/01/RCP**

**John Casapinta**

**vs**

**Priceclub Operators Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li bih l-attur wara li ppremetta:

Illi l-attur kien kreditur fil-konfront tas-socjeta konvenuta fl-ammont ta' erbatax-il elf u tmienja u disghin Liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm14,098.32), rapprezentanti l-valur komplessiv ta' diversi konsenji ta' *household goods* mibjugha u konsenjati mill-attur lis-socjeta` konvenuta fuq inkarigu ta' l-istess socjeta` konvenuta (Dok. A1-A6)

Illi in kawtela ta' tali kreditu tieghu fil-konfront tas-socjeta` konvenuta l-attur ipprezenta Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Nru. 1250/01, fit-30 t’April 2001.

Illi wara l-hrug ta' dak il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju u qabel il-prezentata ta' l-azzjoni odjerna, is-socjeta` konvenuta ghamlet pagament akkont lill-attur tas-somma minnha lilu dovuta, liema pagament akkont kien ta' erbat elef Liri Maltin (Lm4,000.00)

Illi ghalhekk illum l-attur huwa kreditur fil-konfront tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' ghaxart elef u tmienja u disghin Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm10,098.23) bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta' diversi kosenji ta' *household goods* mibjugha u konsenjati mill-attur lis-socjeta` konvenuta kif aktar il-fuq premess.

Illi Ilum l-imsemmi ammont huwa kreditu cert, likwidu u dovut ta' l-attur fil-konfront tas-socjeta` konvenuta u fil-fehma ta' l-attur jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma ta' l-sstess attur, is-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba attrici ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont (Dok. B)

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

L-istess attur talab li ghalhekk is-socjeta konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandiex din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-attur bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundannaha thallas lill-attur is-somma ta' ghaxart elef u tmienja u disghin Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm10,098.23) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti l-valur ta' diversi konsenji ta' *household goods* mibjugha u konsenjati mill-attur lis-socjeta` konvenuta fuq inkarigu ta' l-istess socjeta` konvenuta.

Bl-ispejez, inkluzi dak tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1250/01 u bl-imghax legali dekoribbli mit-30 t'April 2001, sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjeta` konvenuta rapprezentanti ta' liema huma ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-attur;

Rat in-nota tal-attur li biha rriduca t-talba b' erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm483.45) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta li biha ammettiet it-talba kif ridotta;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** limitatament ghas-somma ta' disa' t'elef, sitt mija u erbatax-il lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm9614.78) u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**13 ta' Gunju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**13 ta' Gunju, 2001**